



L-aċċess għall-web u għall-apps: l-istati membri japprovaw regoli li jkopru l-UE kollha

Fil-25 ta' Mejju 2016, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Coreper) ikkonferma l-qbil milġuq mal-Parlament Ewropew dwar l-ewwel regoli sabiex siti web u applikazzjonijiet mobbli (apps) tas-settur pubbliku jsiru aktar aċċessibbli fl-UE kollha.

L-abbozz tad-direttiva jirrikjedi li l-UE tiżgura li s-siti web u l-apps mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku jissodisfaw l-istandards komuni Ewropej tal-aċċessibbiltà. Barra minn hekk, il-pubbliku ser ikun jista' jitleb informazzjoni speċifika jekk il-kontenut ma jkunx aċċessibbli.

Ir-rekwiżiti l-ġodda ser jagħmlu l-kontenut aktar aċċessibbli u aktar faċli li jintuża minn kulħadd, u ser ikun ta' benefiċċju b'mod speċjali għall-persuni b'diżabbiltà jew b'limitazzjonijiet minħabba l-età.

Xi jmiss?

Ladarba t-test miftiehem jgħaddi mill-finalizzazzjoni legali-lingwistika, jeħtieġ jiġi approvat formalment l-ewwel mill-Kunsill u mbagħad mill-Parlament. Il-proċedura mistennija ttlesta fil-ħarifa.

Għal aktar tagħrif, nistednuk tara l-istqarrija tagħna għall-istampa tat-3 ta' Mejju 2016 (il-link ta' hawn taħt).

- [Draft directive on the accessibility of public sector bodies' websites - text subject to revision](#)
- [Siti elettroniċi aktar aċċessibbli madwar l-Ewropa: ftehim mal-Parlament Ewropew \(stqarrija għall-istampa tat-3 ta' Mejju\)](#)

Press office - General Secretariat of the Council of the EU

Rue de la Loi 175 - B-1048 BRUSSELS - Tel.: +32 (0)2 281 6319

press@consilium.europa.eu - www.consilium.europa.eu/press